# QORTI CIVILI (Sezzjoni tal-Familja)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**Illum 31 ta' Ottubru 2017**

**Rikors Guramentat Nru. 237 / 11RGM**

**Kawza fil-lista: 9**

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi minn relazzjoni li kellhom il-partijiet fis-6 ta' Settembru 2007 l-esponenti welldet tifel bl-isem Jake kif jidher mill-Att tat-Twelid numru 3096/2007.

Illi l-konvenut qatt ma wera nteress fl-imsemmi tifel minuri li llum ghandu kwazi erba' (4) snin u sakemm l-esponenti fethet il-medjazzjoni hawn taht imsemmija, qatt ma kkontribwixxa xi manteniment.

Illi minhabba dawn ic-cirkostanzi l-esponenti fethet medjazzjoni (Ittra Nru 786/10) izda matul dawn il-proceduri l-konvenut wera bic-car li la ghandu nteress fil-benessere ta' ibnu u li ma kienx lest ihallas manteniment sakemm ma jkollux access ghat-tifel. L-esponenti ppruvat tikkopera u anke gew miftehma granet u hinijiet ghal tali access izda ghalkemm hija kienet tiehu lit-tifel ghall-access, il-konvenut kien jitfacca meta ifettillu.

Illi waqt il-medjazzjoni l-esponenti, bla pregudizzju, anke accettat li l-konvenut ihallasha hmistax il-euro (€15) fil-gimgha - somma assurda - sabiex tipprova tasal bonarjament izda l-konvenut kien jghaddilha dan l-ammont sporadikament meta joghgbu jmur biex jara lit-tifel.

Illi minkejja li l-konvenut ghandu tlieta u tletin (33) sena u ma jbati minn ebda dizabilita` fizika, huwa jghid li ma jahdimx u li ilu snin bla xoghol. L-esponenti pero` taf li hu jmur kuljum jahdem 1-hanut ta' zitu bla ktieb.

Illi filwaqt li l-esponenti ghandha mpjieg fiss u fl-istess hin tiehu hsieb il-bzonnijiet kollha ta' binha, il-konvenut huwa ghal kollox irresponsabbli u huwa kuntent biss li ghandu ismu bhala missier il-minuri fuq l-Att tat-Twelid.

Illi inoltre fil-ftit okkazjonijiet li l-konvenut ezercita access ghat-tifel minuri; ipprova jrikkbu fuq mutur; hadu f'bar tal-irgiel go kazin; u sahansitra gidmu f'idu skond hu b'cajta.

Illi ghalhekk l-esponenti kellha titlob l-eghluq tal-medjazzjoni.

Illi jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Takkorda lill-attrici l-kura u l-kustodjra legali tat-tifel minuri Jake D.

2. Tordna li kwalunkwe access ghat-tifel minuri akkordat lil konvenut ghandu jsir fil-presenza tal-attrici jew taht supervizjoni ta' persuni responsabbli.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici manteniment xieraq skond il-ligi, bil-modalita` ta' gurnata, lok u hin li jigu wkoll iffissati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi dwar it-talbiet tal-attrici huwa qed jaqbel mal-ewwel talba in rigward il-kura u kustodja tat-tifel minuri Jake D ghandha tkun wahda kongunta ;

2. Illi dwar it-tieni talba huwa ma jaqbilx kif ghandu jsir il-modalita tal-access izda ghandu ikun access liberu u hieles stante li illi kontrarjament ghal dak

mitlub u indikat fil-premessi tar-rikors guramentat tal-attrici huwa dejjem wera interess li jkollu l-access izda l-attrici kull darba ssib kull skuza sabiex iccahhad l-access lil esponenti sa anke ivvintat proceduri kontra tieghu bhal ma gara fil-kaz uniku li nstema fit-23 ta' Mejju 2011, kaz numru 6 li gie deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali preseduta mill-Magistrat Dr A. Vella fejn l-esponenti gie liberat mill-akkuza finta fejn huwa kien akkuzat li hebb ghall-istess ibnu Jake D u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;

3. Illi l-esponenti ghar-rigward tat-tieni talba kif mitluba mill-attrici ghandha tigi michuda u dan aktar u aktar fid-dawl tar-rapport li kien sar per konsegwenza fl-atti tal-ittra 786/2010 meta l-istess Qorti hekk preseduta kienet talbet rapport ta' Social Worker Therese Micallef li din wara li semghet il-partijiet f'dawn il-proceduri kienet ikkonkludiet rakkomandazzjonijiet dwar l-access li jghidu hekk:

i. Il-missier C D jkollu access ghall-minuri nhar ta' TIieta u nhar ta' Hamis mis-2.00 sal-5.00 ta' wara nofsinhar; nhar ta' Sibt mill-10.00 ta' filghodu sat-3.00 ta' wara nofsinhar;

ii. Il-minuri jingabar mill-missier fil-bidu tal-access, u jingabar mill-omm wara l-access;

iii. Waqt l-access il-minuri jittiehed f'postijiet addattati ghat-tfal ta' l-eta' tal-minuri;

iv. Meta jindara dan l-access, il-hin mal-missier jista jizdied;

4. Illi dwar manteniment mitlub fit-tielet talba attrici b'kull rispett din it-talba hija mitluba mhux fl-interess tal-minuri imma fl-interess tal-attrici meta l-esponenti kellu biss ma' l-attrici relazzjoni li minnha twieled il-minuri u li ghalhekk l-esponenti li ma jahdimx imma kien jahdem meta kien fir-relazzjoni f’ghalqa fejn missier l-attrici kien jghid li ghandu pussess taghha u li l-esponenti spicca vittma hu stess meta sidien tal-ghalqa kien habtu ghalih sabiex jitlaq il-barra mill-ghalqa u spicca minghajr xoghol;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent lest li jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri meta jibda jahdem.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti ngunta in subizzjoni.

Rat l-affidavit tal-attrici anness ma' nota ppresentata fit-2 ta’ Marzu 2012;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-2 ta'Mejju 2012 fejn il-Qorti awtorizzat lill-attrici li anke minghajr il-firma tal-konvenut tirregistra lill-minuri Jake fi skola tal-Knisja li tkun diponibbli; fl-istess seduta giet nominata Dottor Fransina Abela bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat id-digrieti tat-12 ta' Gunju 2012, tas-6 ta' Novembru 2012 u tad-19 ta' Novembru 2012;

Rat x-xhieda tal-Psikologa Dottor Roberta Attard li xehedet fis-seduta tal-4 ta' Frar 2013 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat d-digriet moghti 'seduta stante' fit-12 ta' Marzu 2013 fejn il-Qorti ssospendiet l-access tal-minuri favur missieru sakemm jinghata provediment iehor;

Rat x-xhieda tad-WPS 34 Jennifer Mallia, li xehedet fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2013 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju u ppresentat 28 rapport li saru minn A B kontra C D, fil-maggior parti taghhom, peress li ma kienx imur ghall-access u ma kienx qed ihallas il-manteniment ta' €40 fil-gimgha ghall-minuri Jake skond id-digriet tat-12 ta' Gunju 2012; u dak tat-28 ta' Frar 2011 peress li gidem lit-tifel;

Rat ix-xhieda ta' Dottor Roberta Attard u Alicia Scerri li xehedu quddiem il-Qorti fis-seduta tas-17 ta' April 2013;

Rat ix-xhieda ta' WPS 34 Jennifer Mallia, li ezebit il-fedina penali tal-konvenut, u ta' Joseph Saliba, ghall-Employment and Trading Corporation, li xehedu fis-seduta tal-24 ta' April 2013, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat in-nota tal-attrici tal-4 ta' Lulju 2013 li maghha annettiet l-affidavit tal-genituri taghha, Catherine u Anthony B;

Rat il-kontroezami tal-attrici li sar fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2013, tat-12 ta' Novembru 2013, tas-7 ta' Jannar 2014, tat-2 ta' Ottubru 2014, tas-17 ta' Marzu 2015, u tal-11 ta' Mejju 2015 mizmuma mill-Assistent Giudizzjarju;

Semghat it-trattazzjoni tal-Avukat Dottor Albert Libreri ghall-attrici fl-udjenza tat-13 ta' Gunju 2017.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**IL-PROVI.**

**L-attrici A B** fl-affidavit taghha mahluf fid-29 ta' Frar 2012, Fol 24 et seq iddikjarat li hi xebba u tghix mal-genituri taghha. Bdiet tohrog mal-konvenut C D f'Jannar 2006 u wara sena li kienu ilhom johorgu flimkien harget tqila. Meta kellha erba' xhur tqala l-konvenut mar jghix maghha ghand il-genituri taghha.

Hu kien jahdem f'hanut Tower Ironmongery, Zurrieq li kien ta' zitu Lourdes Abdilla, bhala handyman u deliveryman. Apparti dan kien jaghmel xoghol ta' tibjid ghand in-nies ghar-rasu. Ufficjalment ma kienx registrat li jahdem u man-nies kien jghid li ma jahdimx. Kien jirregistra ghax-xoghol mal-ETC pero' meta kienu jibghatu ghalih biex jmur jahdem kien jaqta' milli jmur jirregistra ghal xi zmien u wara jerga' jibda jirregistra.

Hi ddikjarat li tahdem bhala assembly operator fil-fabbrika Baxter. Ilha tahdem f'din il-fabbrika minn 1997 meta kellha 16 il-sena, illum ghandha 31 sena. Kienet tahdem fuq tlett shifts u meta ndunat li kienet tqila talbet biex taqleb fuq zewg shifts, it-tifel Jake twieled fis-6 ta' Settembru 2007, pero' meta f'Settembru 2010 beda jmur l-iskola bdiet tahdem full time reduced hours biex jkollha aktar hin mat-tifel. Hi tahdem mit-8.00am sa 2.15pm mit-Tnejn sal-Gimgha.

Kienet skopriet li l-konvenut ma kienx registrat bhala persuna li tahdem billi darba rceva xi karta tat-taxxa u qattaghha immedjatament. Hi kienet kellmitu dwar dan izda hu insista li hu ma jahdimx u ghalhekk ma jhallasx bolla u taxxa. Hi kienet tinsisti li jsib impieg bil-ktieb izda hu dejjem irrifjuta.

Meta l-konvenut kien jghix maghha ghand il-genituri taghha, qatt ma hallas xejn, mill-paga taghha kienet tixtri l-htigijiet taghhom, meta l-flus ma jservuhiex kienu jaghtuha l-genituri taghha, u billi ma kienx jhobb l-ikel ta' ommha, kienet issajjarlu kuljum.

F'Gunju 2007 silfitu LM300 bex jixtri mutur, xi hmistax wara talabha LM800 biex jixtri van. Dawn il-flus qatt ma raddhom lura u l-ispejjez ghat-tarbija hargithom kollha hi.

F'Lulju 2009 il-konvenut iddecieda li jerga' jmur jghix ghand ommu fl-indirizz 5 Sant Anna, Triq Francesco Buhagiar, Qrendi. Lill-attrici ma taha l-ebda raguni. Kienu jiftehmu li jara lit-tifel fis-7.30pm pero' hafna drabi ma kienx jmur ghat-tifel. Kien jghid li ried jmur il-kazin jew mar jahdem ghand in-nies, u t-tifel kien jibqa' jistenna ghal xejn.

F'Settembru 2009 kien issugerilha li jixtru dar u jmorru jghixu fiha. Hu ried li ghall-post thallas l-attrici, billi ma kellux flus, li kellha ukoll tixtri l-ghamara u tkompli thallas ghall-bzonnijiet tal-hajja ta' kull jum. Meta qalilha li kien jippretendi li nofs il-post ikun fuq ismu ddecidiet li ahjar jibqghu kif kienu cioe' hi ghand ommha u hu ghand ommu. Pero' hi ma rieditx li ma jkollu l-ebda kuntatt mat-tifel u ghalhekk kull nhar ta' Hadd kienet tiehu t-tifel ghand ommu biex jarah. Mhux dejjem kien ikun hemm, u meta ried jiehdu mieghu ma kinitx toggezzjona. Lanqas kienet taf fejn kien jiehdu lit-tifel u darba ratu riekeb mieghu fuq mutur minghajr 'crash helmet'.

Skopriet li lit-tifel kien jiehdu fil-kazin tal-banda fejn kien ikun hemm hafna rgiel, kienet tghidlu li hemm ma kienx postu, pero' kliemha kien 'jaqa fuq widnejn torox'.

L-interess tal-konvenut lejn it-tifel biz-zmien beda dejjem jonqos, pero' hi xorta wahda baqghet tohodlu t-tifel kull nhar ta' Hadd biex jibqa' l-kuntatt ma' missieru. Hu l-anqas kien interessat li tinfurmah meta tkun sejra bit-tifel tant li qalilha biex tinforma lill-ommu, Karmena D u mhux lilu.

Fit-12 ta' April 2010 matul il-lejl kellha iddahhal lit-tifel Jake b'emergenza l-Isptar. It-tifel ibaghti bil-'croop' sa minn meta kellu seba' xhur. Ghalkemm infurmat lill-familja tal-konvenut fil-hamsa ta' filghodu, l-konvenut ma wera l-ebda interess, la mar jarah u l-anqas staqsa ghalih.

F'dan l-istess zmien kienet kitbet lit-tifel biex jibda jattendi l-Kindergarten, kellha bzonn il-firma tieghu. Hi tat il-particulars tieghu lid-dirigenti tal-iskola u ghalkemm dawn ikkomunikaw mieghu biex jmur jiffirma, hu baqa' ma marx. It-tifel pero' xorta gie accettat.

Billi l-konvenut ma marx jara lit-tifel l-Isptar u ma riedx jiffirmalu biex jattendi l-iskola, l-attrici ddecidiet li ma tibqax tiehu t-tifel ghand in-nanniet paterni kull nhar ta' Hadd. Dan kien f'April 2010.

Fl-1 ta' Gunju 2010 l-attrici rceviet l-ewwel ittra tal-legali tal-konvenut datata 12 ta' Mejju 2010, saret r-risposta mill-avukat taghha fit-2 ta' Gunju 2010 u billi ma rceviet l-ebda risposta bdiet il-proceduri ta'Medjazzjoni dwar kura u kustodja, manteniment u access. Ftehemu li kull nhar ta' Sibt fis-6.00pm il-konvenut jmur hdejn d-dar tal-attrici biex jara lit-tifel, minn tmien Sibtijiet il-konvenut mar hames darbiet, u jaghtiha €15 fil-gimgha manteniment ghat-tifel.

Fit-13 ta' Ottubru 2010 kellha terga' tiehu t-tifel l-Isptar b'emergenza, anke f'din l-okkazzjoni l-konvenut ma wera l-ebda interess fit-tifel.

Is-Sibt 16 ta' Ottubru 2010 kien l-ewwel Sibt li l-konvenut ma riedx jara lit-tifel. Li gara kien li billi kien ghadu ma jiflahx, l-attrici talbet lill-konvenut biex jidhol gewwa jarah, pero' hu kien irrifjuta li jidhol u lanqas hallasha manteniment. L-istess gara s-Sibt ta' wara 23 ta' Ottubru 2010. Fit-28 ta' Ottubru 2010 fil-11.30am l-konvenut ipprezenta ruhu fl-iskola tat-tifel. L-attrici giet infurmata mill-Head tal-iskola biex tmur hemm billi l-konvenut kien mar hemm biex jiehu t-tifel. L-attrici telqet minn fuq ix-xoghol u marret dritt l-iskola biex tara x'gara u tigbor lit-tifel. Wara marret l-Ghassa taz-Zurrieq u ghamlet rapport.

Fit-30 ta' Ottubru 2010 il-konvenut la mar jara lit-tifel u l-anqas hallasha manteniment.

Fl-4 ta' Novembru 2010 kellhom laqgha ta' medjazzjoni u ftehmu li jibdew jiltaqghu kull nhar ta' Sibt fis-6.00pm l-McDonalds tal-Airport. Il-konvenut assuma l-obbligu li jixtri happy meal lit-tifel u jaghtiha €15 manteniment u li t-tifel jqatta' tlett sieghat fir-residenza tal-missier ghall-ikla ta' nofsinhar fil-Milied.

Fis-6 ta' Novembru 2010 il-konvenut hallasha €45 ghat-tlett gimghat li ma kienx hallasha, kif ukoll €15 ghal dik il-gimgha.

Fil-lejl bejn l-24 u l-25 ta' Novembru 2010 l-attrici kellha terga' iddahhal lill-minuru Jake l-Isptar b'urgenza, hi infurmat lill-konvenut, izda dan anke f'din l-okkazzjoni ma wera l-ebda interess fit-tifel. Wara qalilha li meta cemplitlu kien rieqed u ghalhekk ma kienx irrispondiha.

Fil-21 ta' Dicembru l-konvenut cempel lill-attrici biex jistaqsiha x'kienet ser issajjar ommu ghat-tifel fl-ikla tal-Milied. Hi rrisponditu li t-tifel jiekol kollox pero' ma kienx f'sikktu u kien qed jiehu il-Ventolin. Hi insistiet mieghu li jaghtih il-medicina meta jkun il-hin li johodha. Qaltlu ukoll li riedet tigi mat-tifel u toqghod tistennih ghand il-konvenut. Pero' il-konvenut ma accettax u baghatilha messagg fejn qalilha li fid-dar tieghu hadd ma kellu pjacir biha.

Il-konvenut qatt ma mar mal-attrici kull darba li hadet lit-tifel ghand it-tabib. Fit-23 ta' Dicembru 2010 l-attrici tkellmet mas-social worker Therese Micallef li qaltilha biex fil-Milied tibghat lit-tifel ghal tlett sieghat ghand missieru, u l-attrici hekk ghamlet. Wara ftit granet l-attrici nnotat li t-tifel beda jsir aggressiv, haditu ghand ic-child psychologist Dr. Roberta Attard li ssugerit kors ta' terapija. Fil-11 ta' Jannar 2011 l-attrici rceviet ir-rapport ta' Theresa Micallef u ma qablitx mieghu peress li din irrakkomandat li l-kura u kustodja tat-tifel tkun kongunta. Fl-istess rapport irrakkomandat li l-missier jigbor lit-tifel mill-iskola fis-2.00pm.

L-attrici tghid li dan mhux possibbli billi t-tifel jispicca l-iskola fis-2.30pm u meta jirritorna d-dar hi tahsillu l-uniformi biex jerga' juzaha l-ghada u titimghu.

Fit-12 ta' Jannar 2011, wara laqgha ta' medjazzjoni ftehmu li l-konvenut jiehu lit-tifel it-Tlieta u l-Hamis mit-15.00 sal-17.15. Fis-17 ta' Jannar 2011 l-attrici regghet kellmet lil Dr. Roberta Attard li qaltilha li biex tara lit-tifel kien mehtieg il-kunsens tal-missier, pero' ghalkemm sar appuntament mal-konvenut dan qatt ma mar biex jaghti l-kunsens tieghu.

Ghalhekk l-attrici pprocediet bir-rikors ipprezentat fit-23 ta' Frar 2011, Fol 41, u b'digriet tal-4 ta' April 2011, Fol 44 l-Qorti awtorizzat lir-rikorrenti tiehu lill-minuri ghat-terapija ghand psikoterapista. L-attrici ghalhekk kienet tiehu lill-minuri Jake ghand Dottor Roberta Attard fil-klinika St Andrews, fil-bidu darba fil-gimgha, wara darbtejn kull xahar imbaghad bdiet tiehdu darba fix-xahar. Kull darba thallas €30, b'kollox hallset €180 pero' l-konvenut qatt ma hallas xejn ghal din it-terapija.

Fit-22 ta' Frar 2011, l-attrici marret ghat-tifel li kien ma' missieru li qalilha li Jake kien gidmu u hu gidmu lura. L-ghada t-tifel ma setghax jcaqlaq idu, haditu ghand it-tabib li baghatha il-polyclinic u gie rilaxxjat c-certifikat mediku, Fol 37 u ghamlet rapport lill-Pulizija Fol 38.

B'sentenza tat-23 ta' Mejju 2011, Fol 45, il-konvenut kien gie misjub hati mill-Qorti Kriminali tal-Magistrati, u gie liberat bil-kondizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fiz-zmien xahar.

Minhabba dan l-incident l-attrici infurmat lill-konvenut li ma kinitx disposta thalli lit-tifel mieghu wahdu u insistiet li tkun presenti. Il-konvenut ma qal xejn pero' ma baqax jmur ghat-tifel. Fid-19 ta' April 2011 wara seduta ta' medjazzjoni qablu li l-konvenut jerga jibda' jara lit-tifel fil-presenza tal-attrici kull nhar ta' Sibt l-McDonalds tal-Airport. Pero' il-konvenut qatt ma mar u l-attrici u t-tifel kienu jmorru kull nhar ta' Sibt ghal xejn billi l-konvenut qatt ma tfacca. Il-konvenut kien ilu ma jara lit-tifel mit-22 ta' Frar 2011, aktar minn sena qabel billi l-affidavit tal-attrici gie minnha kkonfermat bil-gurament fid-29 ta' Frar 2012.

Fl-4 ta' Lulju 2011 marret bit-tifel ghand Dottor Roberta Attard u din rrakkomandat li l-attrici ma tibqax tmur aktar bit-tifel peress li l-konvenut qatt ma kien jmur kif ukoll ghalhiex it-tifel kienet taqbdu rabja kbira lejn missieru meta kienu joqghodu jistennewh ghal xejn.

L-attrici kkonfermat li minn Settembru 2010, meta ftehmu li jaghtiha €15 fil-gimgha ghall-bzonnijiet tat-tifel sa Dicembru 2011, il-konvenut hallas biss lill-attrici l-ammont ta' €459 ghall-manteniment, sahha u edukazzjoni tat-tifel, medja ta' €6.30 fil-gimgha.

**Il-konvenut C D** xehed imsejjah mill-Qorti fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2012, Fol 87 et seq. Hu kkonferma li waqt il-medjazzjoni kienu qablu li jiltaqghu ghand McDonalds biex hu jkun jista' jara lit-tifel. Hu insista li dejjem mar meta kellu jmur u jekk xi darba ma marx kien icempillha biex javzaha. Mistoqsi mill-Qorti x'kienet il-gurnata meta kellhom jiltaqghu rrisponda li ma kienx jiftakar. Hu kkonferma li ghamel sentejn jghix mat-tifel u kien jarah ghand McDonalds meta t-tifel kellu xi tlett snin. Hu hareg mid-dar ta' omm l-attrici meta t-tifel kellu xi sentejn u l-attrici kienet tmur ghand ommu kull nhar ta' Hadd biex hu jara lit-tifel. Wara kienu dehru f'seduta tal-medjazzjoni u ftehmu li jibdew jiltaqghu ghand McDonald. Dan kien ghall-habta ta' Lulju/Awwissu 2010.

Susan Bonnici, ghall-Isptar Mater Dei xehdet fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2012, Fol 92, u pprezentat il-file tal-Isptar tal-minuri Jake. Il-konsulent hu Dottor Cecil Vella.

B'rikors ipprezentat fit-12 ta' Ottubru 2012, Fol 131, il-konvenut talab li d-Digriet tat-12 ta' Gunju 2012 jigi varjat billi l-access tieghu ghall-minuri ma jibqax jigi ezercitat taht supervizjoni u mhux fl-edificju tal-Appogg, li jigi sospiz b'mod temporanju l-manteniment ghall-minuri Jake D u li jinstema' l-istees konvenut.

B'Digriet tad-19 ta' Novembru 2012, Fol 144, il-Qorti cahdet it-talbiet tal-konvenut u kkonfermat d-digriet precedenti tat-12 ta' Gunju 2012 fejn il-konvenut gie ordnat li jhallas 'pendente lite' l-ammont ta' €40 fil-gimgha bhala manteniment ghall-minuri.

**Il-Psikologa Dottor Roberta Attard** xehdet fis-seduta tal-4 ta' Frar 2013 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 151. Hi kkonfermat li l-minuri Jake D kien u ghadu pazjent taghha, fuq rakkomandazzjoni tal-Qorti wara incident li allegatament sar min missier il-minuri. Hi taf lill-omm it-tifel, A B. Hi ppruvat tikkommunika mal-missier izda qatt ma rnexxhiela tkellmu. It-tifel kien ghaddej min zmien difficili billi kien hemm konflitt bejn il-genituri tieghu. Lit-tifel ilha tarah xi sentejn, fil-bidu il-vizti kienu izjed frekwenti.

Irrizultalha li t-tifel kien irrabbjat ghall-missieru minnhabba l-incident fejn allegatament missieru gidmu, kif ukoll billi t-tifel kien idum jistenna lill-missieru biex jiltaqghu ghand McDonalds u l-missier ma kienx jmur. Ir-rabja kienet wahda emozzjonali, t-tifel kien jibki ghalkemm mhux it-tip ta' tifel li jibki. Kien biss

wara hafna zmien li t-tifel rnexxhielu jadatta ahjar ghas-sitwazzjoni li kien jinsab fiha. Hi kkonfermat id-Dok AS9 li kien rapport taghha, anness mal-affidavit tal-attrici u li sar meta t-tifel kellu xi tlett snin kwazi erbgha.

Hi kkonfermat li meta t-tifel kellu tlett snin u nofs kien tielef il-fiducja f'missieru u ma riedx ikun mieghu wahdu. Ix-xhud ikkonfermat ukoll li kienet irrakkomandat li minhabba l-ansjeta' u d-dwejjaq li kellu it-tifel kull darba li kienu jmorru ghal xejn, il-missier naqas li jmur ghand McDonalds biex jiltaqa' mat-tifel 18 il-darba, t-tifel ma kellux ghalfejn jibqa' jmur sakemm ticcara ruhha is-sitwazzjoni cioe' jekk il-missier riedx jmur jew le.

Sar ftit progress meta l-access ma tkompliex isir fil-kmamar tal-Appogg, u meta l-missier beda jiehu mieghu il-kugin biex jilghab mieghu.

B'Digriet moghti 'seduta stante' fit-12 ta' Marzu 2013 il-Qorti ssosspendiet l-access tal-minuri favur missieru sakemm jinghata provvediment iehor.

**WPS 34 Jennifer Mallia,** fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2013, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 165,ipprezentat 28 rapporti li saru minn A B kontra C D. Dawn ir-rapporti saru mill-attrici kontra l-konvenut billi dan naqas li jhallas manteniment ta' €40 fil-gimgha, kif ukoll li kien jonqos li jmur ghall-access.

**Dottor Roberta Attard**, xehdet fis-seduta tas-17 ta' April 2013, Fol 261 et seq. Hi kkonfermat li qabel s-sitwazzjoni kienet ahjar, izda recentement nqala' incident waqt is-supervised access visits, meta t-tifel tilef il-kontroll u kien aggressiv mas-superviser. Hu ddispjacih hafna li kien aggressiv ma' persuna li kienet hemm biex tiehu hsiebu.

It-tifel ghandu relazzjoni ambivalenti hafna ma' missieru, ghamel zmien li ma riedx jaccettah billi l-missier ma kienx mar ghall-access ghal xi 18 il-darba, it-tifel kien jmur, anke fis-shana tas-Sajf jistenna u l-missier ma jitfaccax. Huma hadmu biex jibnu rabta bejn il-missier u t-tifel, sakemm it-tifel wasal biex jaccetta lill-missieru li jkun herqan li jmur jarrah. Meta beda jsir dan it-tip ta' kuntatt it-tifel kellu 4 snin. F'dik l-okkazzjoni partikolari tad-9 ta' Frar, it-tifel kellu bzonn jmur it-toilet, mar mieghu missieru, billi s-superviser kienet mara, li qallu l-ommu kient ser titfghu go gagga. It-tifel fehem li din kienet xi haga negattiva, baqa' jhewden fuqha, u l-atteggjament tieghu nbidel, billi hu flok joqghod f'xi rokna wahdu meta jkun mdejjaq, jsir hyperactive u jibda jigri l' hawn u l'hemm bla kontroll.

Meta mar id-dar kien aggressiv ma' ommu, beda jghajjarha u kien irrabjat hafna ma' ommu ghax kienet ser titfa' lill-missieru go gagga.

Ix-xhud iddikjarat li l-missier ma ghandux tfal ohra, ma' dan t-tifel ma kellux zmien jizviluppa relazzjoni u ghalhekk hu nieqes minn *parental skills* li huma necessarji biex l-okkazzjonijiet tal-access mat-tifel jhallu rizultati pozittivi.

**Alicia Scerri, Supervisor mal-Agenzija Appogg,** xehdet fl-istess seduta, Fol 275 et seq. Hi kkonfermat li kienet involuta fl-incident tad-9 ta' Frar 2013. Dakinhar it-tifel ghall-ewwel kien herqan li jara lill-missieru izda x'hin rah qisu ma riedx joqghod mieghu. It-tifel beda jigri mal-Airport ifittex lil ommu. Kienu fil-Burger King isfel. Dak il-hin il-konvenut naqas li jghinha u cemplet lil Ingrid billi kienet on call. It-tifel beda jigdem, jaghti, jissuppervja u jigri ma' kulimkien. Qaltlu biex jghinha tikkontrolla lit-tifel u l-konvenut irrispondiha li ma kellux kontroll fuq it-tifel. Ingrid kellmet lill-konvenut bit-telephone u dan wara beda jaghtiha daqqa ta' id, mar jigri wara t-tifel u jipprova jikkalmah. Billi t-tifel baqa' jigri ma' kulimkien is-sessjoni wafqet hemm.

Ix-xhud ikkonfermat li l-incident tat-toilet, fejn il-missier kien kellem lit-tifel dwar xi habs, kien fil-vizta ta' qabel. Il-konvenut kien normalment jghaddi kummenti fuq l-attrici u missierha u hi kienet tghidlu biex dawn l-affarjiet ma jghidhomx quddiem Jake. Hi kkonfermat ukoll li l-konvenut qalilha li hu lest li jidhol il-habs billi ma kienx ser ihallas manteniment.

Xi drabi kien ikun prezenti ukoll kugin tat-tifel minn naha ta' missieru.

**WPS 34 Jennifer Mallia**, fis-seduta tal-24 ta' April 2013, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 287, ippresentat il-fedina penali tal-konvenut.

**Joseph Saliba, ghall-Employment and Training Corporation,** xehed fl-istess seduta, u ippresenta l-employment history tal-partijiet.

Hu kkonferma li fil-present l-konvenut huwa disokkupat u l-anqas ma hu qed jirregistra ghax-xoghol.

L-attrici, annettiet l-affidavit tal-genituri taghha ma' nota ipprezentata fl-4 ta' Lulju 2013,Fol312.

**Catherine B, omm l-attrici,** fl-affidavit taghha mahluf fis-6 ta' Gunju 2013, Fol 313 et seq. iddikjarat li kienet taf li bintha kellha relazzjoni ma' C D, pero' qatt ma kienet iltaqghet mieghu. Bintha kienet qaltilha li kienet tqila f'Jannar 2007, u f'April 2007 C mar jghix fir-residenza taghhom. F'dak iz-zmien it-tifla taghha kienet tahdem tlett shifts mal-Kumpanija Baxter u C kien jahdem f'hanut taz-zija

tieghu, Lourdes Abdilla. Il-hanut kien jismu Tower Ironmongery u qieghed fiz-Zurrieq. Kien jaghmel ukoll xoghol ta’ handyman ghand in-nies, ikahhal u jbajjad.

Biz-zmien beda jinqala’ l-inkwiet bejniethom, kienu dejjem jiggieldu fuq il-flus. Darba t-tifla qaltilha li silfet xi flus lil C biex jixtri mutur wara ftit rega’ talabha il-flus biex jixtri vann. Xi kultant it-tifla kienet titlobha l-flus ghax il-paga ma kinitx isserviha, hi kienet taghtiha u kienet tistaqsiha jekk C kienx jaghtiha flus ghall-hajja. L-attrici kienet tghidilha li kien jaghtiha pero’ hi taf li kienet qed tigdeb. Darba t-tifla qaltilha li C la kien jhallas taxxa u lanqas bolla ghax jahdem bla ktieb tax-xoghol. Ix-xhud tghid li din ma kinitx tghogobha assolutament xejn, u ssugerit lill-attrici li t-tarbija ikollha kunjom ommha mhux kunjom il-missier billi bi bniedem bhalu kienu ser ibghatu. L-attrici, pero’ ma riditx.

Fis-6 ta’ Settembru 2007 twieled it-tifel Jake, ix-xhud kienet ferhana ser ittir u sakemm A rritornat mill-Isptar xtratilha kull ma kellha bzonn ghat-tarbija bhal-pram, pushchair ecc. It-tifla kienet xtrat hwejjeg, hrieqi u bzonnijiet ohra tat-tfal, hu pero’ qatt ma hallas ghal xejn.

Meta t-tifel kien jibki bil-lejl kienet tisimghu jiggieled maghha u jghidilha biex tohrog mill-kamra ghax hu ma setghax jorqod. Meta l-attrici kienet tkun xoghol u l-konvenut kien inkun ghal xi hin wahdu mat-tifel sakemm x-xhud tmur tixtri, kien jitqazzez ibiddel lit-tifel u jghid li ma jafx jaghmel l-bottle.

F’April 2010, Jake kellu bzonn jidhol l-Isptar billi qabditu l-croop u l-konvenut ghalkemm kien jaf lanqas mar jarah lt-tifel. Fl-istess zmien l-attrici kellha bzonn tirregistra t-tifel fl-iskola u l-konvenut irrifjuta li jiffirma. L-attrici rnexxhielha tirranga pero’ l-konvenut xorta baqa’ ma ffirmax. L-attrici ghalhekk iddecidiet, li la l-missier ma kellux interess fit-tifel ma tmurx aktar ghandhom u pprocediet bil-Qorti. Kienu ftehmu li l-konvenut jara lit-tifel kull nhar ta’ Sibt u jhallas manteniment ta’ €15 fil-gimgha. Pero’ hu aktar ma kienx jmur milli jmur u meta kien jmur kien dejjem tard.

Ix-xhud ikkummentat dwar l-incident tat-22 ta’ Frar 2011 meta l-konvenut gidem lit-tifel f’idu. Spiccaw il-Polyclinic, sar rapport lill-Pulizija, ittiehdu proceduri kriminali kontra l-konvenut li gie misjub hati u gie liberat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar.

Fil-Qorti ftehmu li C jara lit-tifel ghand McDonalds fl-Airport kulnhar ta’ Sibt u C ghamel tlett xhur shah ma jmur qatt u t-tifel kien jirrabbja hafna li kien jmur jistenna ghal xejn. Billi dan kien ta’ hsara lit-tifel l-access kien gie sospiz.

F’April 2012, Jake tela’ biex jattendi Church School, anke f’din l-okkazzjoni C irrifjuta li jmur jiffirma ghall-iskola tat-tifel.

**Anthony B, missier l-attrici,** fl-affidavit tieghu mahluf fis-6 ta’ Gunju 2013, Fol 318 et seq ikkonferma li l-konvenut qatt ma kien jmur ma’A meta kien ikollha l-vizta ghand il-professur u kien jghidlu biex jghid lill-ommha tmur maghha. F'Settembru 2007 kellhom it-tifel .F’Mejju 2009, C telaq mid-dar taghhom, bla ebda raguni pero’ baqghu flimkien u A baqghet tmur ghandhom wara x-xoghol bit-tifel. Ix-xhud ikkorrobora diversi partijiet mix-xhieda tal-attrici u ta' ommha.

Saru numru ta’ seduti quddiem l-Assistent Gudizzjarju, fejn sar il-kontroezami tal-attrici mill-Avukat Dottor Mark Busuttil li b’rikors tas-27 ta’ April 2016 talab li jigi ezentat mill-inkarigu u sostitwit b’avukat iehor fuq l-elenku tal-avukati tal-Ghajnuna Legali. Gew nominati in sostituzzjoni ta’ Dottor Mark Busuttil l-Avukat Dottor Christopher Chircop u l-PL Doreen Aquilina, pero’ billi l-konvenut baqa’ ma ressaqx provi, il-Qorti fis-seduta tas-6 ta’ April 2017 iddikjarat l-istadju tal-provi maghluq.

## KONSIDERAZZJONIJIET.

L-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut u minn din ir-relazzjoni fis-6 ta’ Settembru 2007 twieled it-tifel Jake. Qed titlob li tinghata l-kura u kustodja tat-tifel, li kull access ghall-minuri akkordat lill-konvenut ghandu jsir fil-presenza taghha jew taht supervizjoni ta’ persuna responsabbli u li l-konvenut jigi kkundannat ihallas manteniment xieraq skont il-ligi.

B’Digriet tat-12 ta’ Gunju 2012, Fol 74, il-Qorti ordnat li l-kura u kustodja tal-minuri Jake tkun fdata lil ommu A B, li l-missier ihallas €40 fil-gimgha bhala manteniment ghall-minuri, u li jkollu access ghall-minuri darbtejn fil-gimgha, it-Tlieta u l-Hamis bejn il-5.00pm u s-7.00pm taht supervizjoni ta’social worker fl-edificju tal-Appogg, u innominat social worker biex wara xahar min mindu jkun qed jigi ezercitat l-access mill-missier tipprepara rapport dwar l-istess bir-rakkommandazzjonijiet.

B’Digriet tas-6 ta’ Novembru 2012, Fol 85, il-Qorti vvarjat id-digriet tat-12 ta’ Gunju 2012 li l-access ma ghandux jibqa’ jsir fl-edifizzju tal-Appogg, izda barra mill-imsemmi edifizzju, skont kif tindika s-social worker li tkun qed tikkonduci s-supervizjoni.

B'Digriet tad-19 ta' Novembru 2012, Fol 144, giet michuda t-talba tal-konvenut biex tvarja d-digriet tat-12 ta' Gunju 2012 fejn kien gie ordnat ihallas 'pendente lite' manteniment ghall-minuri fl-ammont ta' €40 fil-gimgha.

Il-konvenut irrizenja mill-impieg tieghu fit-22 ta' Gunju 2012 allegatament ghax l-imghallem ma riedx jestendilu l-kuntratt bl-istess kondizzjonijiet.

B'Digriet moghti fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2013, Fol 161, l-Qorti ssosspendiet l-access tal-minuri favur il-missier, wara li semghet li Ingrid Vassallo mill-Agenzija Appogg, li kkonfermat li n-nuqqas ta' kooperazzjoni da parti tal-missier u l-attitudini tieghu waqt l-access kienet ta' detriment ghall-minuri.

Mill-provi rrizulta abbondantement li l-konvenut mhux bniedem serju, matur u responsabbli. Il-fatt li jinsisti li jahdem bla ktieb biex ma jhallasx taxxa u bolla jimmilita kontra t-tezi tieghu li m'ghandux biex ihallas manteniment ghat-tifel.

Il-konvenut falla kompletament fir-relazzjoni tieghu ma' ibnu l-minuri Jake. Kien ripetutament jonqos milli jattendi ghall-access, ma marx ghal 18-il darba konsekuttiva, nuqqas li ghamel hsara konsiderevoli fuq il-minuri li kien frustrat u dizzappuntat bl-atteggjament non kuranti ta' missieru. Ma kienx jmur jara lill-minuri meta dan kien jkun regolarment rikoverat l-Isptar. Irrifjuta li jiffirma kemm biex it-tifel jigi registrat fl-iskola kif ukoll meta kellu bzonn l-ghajnuna tal-Psikologa.

Kien irresponsabbli ghall-ahhar meta rikkeb lill-minuri fuq mutur meta kellu biss sentejn, kien jhallih ma' nies adulti fil-kazin fejn certament ma kienx postu, u f'okkazzjoni partikolari gidmu tant li ttiehdu proceduri kriminali kontrih.

Il-konvenut ddikjara fir-risposta guramentata li kien jahdem 'f'ghalqa fejn missier l-attrici kien jghid li ghandu l-pussess taghha u li l-esponent spicca vittma hu stess meta s-sidien tal-ghalqa kienu habtu ghalih sabiex jitlaq il-barra mill-ghalqa u spicca minghajr xoghol'.

Ma saret assolutament ebda prova mill-konvenut dwar dan l-allegat incident, li gie michud minn missier l-attrici, billi l-ghalqa in kwistjoni hi propjeta' tal-Joint Office, u ma kien hemm l-ebda incident fejn l-konveut soffra xi aggressjoni fizika biex johrog mir-raba'.

Mill-banda l-ohra rrizulta li l-attrici iddedikat hajjitha sabiex trabbi sew lill-binha Jake, li llum ghandu 10 snin. Hi kienet u baqghet tahdem mal-istess Kumpanija, Baxter, dejjem hadmet biex ikollha l-mezzi finanzjarji u tkun f'posizzjoni li

thallas ghall-ispejjez tat-tifel u hadet hsieb li tbiddel il-hinijiet tax-xoghol taghha, biex izjed ikollha hin ghal binha. Hi dejjem hadet lit-tifel ghall-access mal-missier, li kien hu li regolarment jonqos li jattendi. Hi wahedha hadet hsieb l-edukazzjoni tat-tifel, il-konvenut qatt ma ikkopera, tant li rrifjuta li jiffirma biex it-tifel jigi ammess fi skola tal-Knisja. Hi wahedha hadet hsieb is-sahha ta' binha, li sfortunatament bil-kondizzjoni partikolari li ghandu jkun rikoverat l-Isptar prattikament kull xahar. Il-missier qatt ma mar jara lit-tifel fl-Isptar u lanqas kien icempel biex jistaqsi dwaru.

Joseph Saliba, ghall-Employment and Training Corporation, li xehed fis-seduta tal-24 ta' April 2013, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, esebixxa l-Employment History tal-attrici, Fol 291 u tal-konvenut, Fol 292 sa 296. Jirrizulta li minn 1996 sa t-2012 il-konvenut hadem diversi xogholijiet, pero' x-xhud ikkonferma li bejn Settembru 2005 u Jannar 2012 il-konvenut ma kellu l-ebda impieg, u fiz-zmien li xehed, il-konvenut kien disokkupat u l-anqas kien qed jirregistra ghax-xoghol.

Ikkunsidrat;

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet " **Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud**" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014, fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap. 16 li jaghti l-poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Mario Darmanin vs Annalise Cassar**" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014 intqal:

"….. meta tigi biex tiddecidi dwar kura u kustodja ta' minuri, il-Qorti ma ghandhiex tkun iddettata u kondizzjonata mill-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahjar interess tal-minuri. (vide per ezempju Magro vs Bonnett 11 ta' Dicembru 2003 u Portelli vs Portelli, 25 ta' Gunju 2003-Prim'Awla). Dwar jekk kura u kustodja kongunta f'kazi bhal dawn hijiex l-ahjar soluzzjoni, din il-Qorti taqbel ma' sensiela ta' sentenzi moghtija minn din il-Qorti fl-ahhar snin u cioe' kif qalet din il-Qorti illi:

"Il-Qorti qed tiskarta t-talba ghal kustodja kongunta ghaliex bhala sistema m'hijiex prattikabbli meta l-genituri ma jiftehmux bejniethom".

Fil-kawza fl-ismijiet "**Simon Galea vs Samah Mansour"** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Jannar 2006 saret referenza ghal-kawza fl-ismijiet " **John**

**Cutajar vs Amelia Cutajar"** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Jannar 1956 fejn il-Qorti qalet:

" apparti l-hsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominant 'in subiecta materia' li jiddetermina normalment il-kwistjonijiet bhal din insorta f'din il-kawza huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg u interess tal-istess minuri fl-isfond tac-cirkustanzi personali u de facto li jkunu rrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut".

" Dan il-hsieb huwa fuq kollox rifless fl-Artikolu 149 tal-Kodici Civili li jghid li l-Qorti ghandha dejjem tiddeciedi fl-ahhjar interess tal-minuri. (Appell Civili **Marion Meli vs Emanuel Meli**, 5 ta' Dicembru 2014).

Ikkunsidrat;

Applikati dawn l-insenjamenti ghall-kaz in ezami, ma hemm l-ebda dubbju li l-kura u kustodja tal-minuri Jake, fl-ahjar interess tieghu ghandha tigi akkordata lill-ommu, l-attrici, esklussivament.

Ghalkemm il-konvenut talab fir-risposta guramentata tieghu  li l-kura u l-kustodja tal-minuri ghandha tkun kongunta;  fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ma tkun ta' ebda vantagg jew beneficcju ghall-minuri. Irrizulta in fatti, li t-tifel spiss jinhtieg li jigi rikoverat l-Isptar, u jekk tinqala' xi emergenza li tirrikjedi l-kunsens u l-apprvazzjoni taz-zewg genituri, u din ma tinghatax, tista issir hsara irreparabbli lill-minuri. Dan ghandu jigi evitat f'kull kaz, u aktar f'dan il-kaz partikolari meta rrizulta li l-konvenut minghajr ebda raguni rrifjuta li jiffirma ghat-tifel kemm biex jigi ammess fl-iskola kif ukoll biex jigi kkurat minn Psikologa.

Dwar l-access, fil-principju, kif iddikjarat s-social worker, wiehed ghandu jahdem biex jistabilixxi relazzjoni tajba bejn il-missier u l-iben.  Sfortunatament jirrizulta illi l-missier kien naqas ripetutament milli jmur ghall-access bil-konsegwenza, li kienet qed issir izjed hsara milli gid ghat-tifel.  Il-minuri kien qed jispicca deluz bl-indifferenza u insensitivita' ta' missieru. Illum it-tifel ghandu 10 snin.  Huwa tajjeb jekk u meta ic-cirkostanzi jkunu idonei jerga jsir ri-ezami tac-cirkostanzi vigenti dak iz-zmien u jigi verifikat jekk ikunx ta' gid ghall-minuri li jerga' jibda kuntatt bejn il-missier u l-minuri.

Pero', fic-cirkostanzi attwali huwa evidenti ghall-Qorti illi fil-prezent kwalunkwe tentativ ta' kuntatt bejn il-missier u l-minuri ser johloq riskju serju ta' aktar hsara lill-minuri.

Jibqa' ghalhekk rizervat favur il-missier id-dritt illi fil-futur, jekk ic-cirkostanzi jippermettu, jitlob access favur il-minuri.

**MANTENIMENT**.

Il-manteniment jithallas skont il-mezzi ta' min hu obbligat ihallsu u skont il-htigijiet ta'min jircevieh.

Mill-*Employment History* tal-konvenut jirrizulta li kellu diversi impiegi u ghalkemm ghamel snin shah dizokkupat u ma jirregistrax, m'hemmx dubbju li jekk irid hu kapaci ghax-xoghol. Tresqet bizzejjed evidenza li turi li mhux minnu li l-konvenut ma jahdimx izda jahdem minghajr ma hu registrat mal-enti pubblika. Il-Qorti ghalhekk qed tiddeciedi illi l-konvenut jahdem u ghandu introjtu tajjeb bizzejjed sabiex ihallas manteniment adegwat ghall-minuri.

Bhal kull tifel u tifla, il-minuri ghandu numru ta' spejjez mhux biss li huma dawk ta' kuljum izda wkoll li jinkludi spejjez ta' sahha u edukazzjoni

Sallum il-manteniment pagabbli mill-missier lill-omm bhala manteniment ghall-minuri kien regolat b'digriet tat-12 ta' Gunju 2012 fejn il-konvenut gie ordnat ihallas manteniment pendente lite ghat-tifel fis-somma ta' €40 fil-gimgha.

Ikun ahjar fic-cirkostanzi li l-konvenut ihallas somma mensili li tinkludi wkoll spejjez ta' edukazzjoni u sahha. Ghaldaqstant tenut kont tal-evidenza kollha migjuba l-Qorti qed tikkundanna lill-konvenut sabiex b'effett mid-data ta' din is-sentenza l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' mitejn u hamsin ewro (€250) fix-xahar li jinkludi spejjez ta' edukazzjoni u sahha u li jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut;

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attrici u takkordalha l-kura u kustodja legali tal-minuri Jake D b'mod esklussiv u b'mod partikolari qed tinghata s-setgha li wahedha tapplika ghal dak kollu mehtieg li jirrigwarda s-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri kif ukoll wahedha tapplika ghall-passaport tal-minuri.

2. Tiddeciedi t-tieni talba tal-attrici billi tiddikjara illi fic-cirkostanzi attwali ma hux fl-ahjar interess tal-minuri li jkun hemm kuntatt bejn il-missier u l-minuri.

3. Tilqa' it-tielet talba tal-attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex b'effett millum ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri Jake D, s-somma ta' mitejn u hamsin ewro (€250) fix-xahar li jinkludi spejjez ta' edukazzjoni u sahha u li jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja u jithallas kull l-ewwel tax-xahar. Il-Qorti tordna illi l-manteniment ghall-minuri pagabbli sallum mill-missier lill-attrici sallum ghandu jibqa' regolat bid-digriet tal-manteniment pendente lite moghti fit-12 ta' Gunju 2012. Kwalunkwe beneficcji jew *allowances* pagabbli fir-rigward tal-minuri ghandhom jigu percepiti mill-attrici.

Bl-ispejjez kontra il-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**